MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

**MAGISTRAT DR.
PAUL COPPINI**

Seduta tad-19 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 7/2005

Dr. Chris Said bħala mandatarju ta' l-imsiefer Pierre Joseph Meilak .

vs

Direttur tar-Reġistru Pubbliku .

Il-Qorti ;

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur nomine wara li ppremetta :

Illi l-attur Pierre Joseph Meilak twieled f'Victoria, Għawdex fl-għoxrin (20) ta' Lulju elf disa' mija tnejn u tmenin (1982) u l-att tat-twelid tiegħu ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex bin-numru progressiv mitejn u wieħed u ħamsin tas-sena elf disa' mija tnejn u tmenin (251/1983) (Dok A) ;

Illi fl-istess att tat-twelid kunjom missier l-attur nomine ġie mniżżel bħala 'Meilak' u dan nonostante illi missieru kien dejjem jużgħa l-kunjom miktub b'mod differenti u cioe' "Mejlak" ;

Illi di piu' kemm il-ġenituri ta' l-attur nomine kif ukoll oħt l-attur nomine dejjem baqgħu jużaw il-kunjom miktub bħala "Mejlak" u dan kif jirriżulta mill-kopji tal-karti ta' l-identita' tagħhom li qed jiġu mmarkati bħala Dokument 'B', 'C' u 'D' ;

Illi oltre' dan l-attur nomine matul ħajtu kollha dejjem kien juża l-kunjom miktub bħala "Mejlak" u dan kif jirriżulta mid-diversi ċertifikati edukattivi u dokumenti oħra personali intestati f'ismu li qed jiġu mmarkati bhala Dokument 'E' sa 'K' '

Illi fil-preżent l-attur nomine qed jaħdem fl-esteru u qed isib diffikulta' burokratika minħabba d-diskerpanza fil-mod kif inhu miktub il-kunjom tiegħu fiċ-certifikat tat-Twelid u għalhekk jixtieq illi ssir il-korrezzjoni meħtieġa sabiex kunjomu jiġi miktub bħala 'Mejlak" .

Talab lill-konvenut jgħid għaliex ma għandhiex din l-Onorabbli Qorti :

1. Tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid numru mitejn u wieħed u ħamsin tas-sena elf disa' mija tnejn u tmenin (251/1982) billi fil-kolonna "Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier" kif ukoll fil-kolonna "Isem u Kunjom u post tat-twelid ta' l-Omm" il-kunjom "Meilak" jigi sostitwit bil-kunjom "Mejlak" .

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa inti nġunt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur nomine kkonfermata bil-ġurament ta' Dr. Chris Said .

Rat ukoll id-dokumenti annessi ma' l-istess citazzjoni, u ċioe' bhala dokument 'A' kopja taċ-ċertifikat tat-twelid numru mitejn u wieħed u ħamsin ta' l-elf disa' mija tnejn u tmenin (251/1982); bħala dokument 'B' kopja tal-karta ta' l-

Identita' ta' missier l-attur nomine; bħala dokument 'C' kopja tal-karta ta' l-Identita' ta' omm l-attur nomine ; bħala dokument 'D' kopja tal-karta ta' l-Identita' ta' oħt l-attur nomine; bħala dokument 'C' kopja taċ-ċertifikat rilaxxjat minn l-Universita' ta' Londra ; bħala dokument 'F' kopja taċ-ċertifikat rilaxxjat minn l-Universita' ta' Malta; bħala dokument 'G' kopja ta' ċertifikat rilaxxjat minn l-Universita' ta' Malta ; bħala dokument 'H' kopja ta' student card internazzjonali ; bħala dokument 'I' kopja ta' credit cards ; bħala dokument 'J' kopja tal-pass tal-kunsill Ewropew; u bħala dokument 'K' kopja tal-lawrija maħruġa minn l-Universita' ta' Malta .

Rat ukoll ir-rikors ta' l-attur nomine tal-25 ta' Jannar 2005, li permezz tagħha talab li jiġi awtorizzat jipproċedi ghal din il-kawża permezz ta' l-għajnuna legali .

Rat id-degriet ta' din il-Qorti tas-17 ta' Frar, 2005, li permezz tagħha laqgħet it-talba .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tad-direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi l-attur nomine ma gab ebda prova illi effettivament kunjom missieru kien jinkiteb Mejlak u mhux Meilak .

2. Illi l-esponenti ma jsib ebda oggezzjoni illi jigi korrett kunjom missier l-attur nomine jekk tingieb din il-prova ;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, huwa ma hux edott mill-fatti kif esposti mill-atturi ;

4. Illi ghalhekk jirrimetti ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti salv li l-provi migjuba mill-atturi jkunu sodisfacenti u korretti skond il-ligi ;

5. Illi l-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu sofferti interament mill-attrici u f'kull kaz id-direttur ma ghandux ibati spejjez .

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenut ikkonfermata bil-gurament ta’ Dr. Marlin Vella .

Semghet lill-attur nomine prezenti fl-awla jikkonferma l-kontenut tac-citazzjoni .

Il-Qorti, ghal hekk tiddecidi l-kawza, peress li jidhrilha li t-talba attrici hija gustifikata, billi tilqa’ l-istess talba, u tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid numru mitejn u wiehed u hamsin tas-sena elf disa’ mija tnejn u tmenin (251/1982), billi fil-kolonna “Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier” kif ukoll fil-kolonna “Isem u Kunjom u post tat-twelid ta’ l-Omm” il-kunjom “Meilak” jigi sostitwit bil-kunjom “Mejlak” .

Minhabba n-natura ta’ din il-kawza ma ghandux ikun hemm spejjez .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------